MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 27/1993/2

**Joseph, Raymond, Esther armla ta' Michael Camilleri, Giovanna armla ta' Carmel Piscopo, Pawlu, Michael, Nicolina armla ta' Joseph Xerri, Eucharistica armla ta' Lawrence Mercieca, Ludovina mart Francis Bartolo, Salvina armla ta' Pawlu Xerri u Patrick ahwa Formosa**

**v.**

**Joseph Cauchi u ghal kull interess li jista' jkollhom l-istess Joseph Cauchi li b'digriet tal-24 ta' Frar 1993, gie nominat kuratur deputat sabiex jidher ghall-assenti Nazzarena mart Nazzarenu Cauchi**

**Il-Qorti:**

**<u>IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI</u>**

1. B'citazzjoni pprezentata fid-9 ta' Frar 1993, l-atturi ppremettew illi huma, flimkien mal-konvenuta assenti Nazzarena Cauchi, proprjetarji u kienu fil-pussess ta' porzjon art fil-Qawra tad-Dwejra bil-kejl ta' circa mija u sebgha u tmenin metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' xatt il-bahar, mill-Punent ma' beni ta' l-ahwa Camenzuli u mil-Lvant ma' beni ta' l-eredi ta' Carmelo Cauchi; u peress li bejn Awissu u Settembru tal-1992, il-konvenut abbuzivament bena hajt fil-faccata ta' din l-art, u huma jridu li jigu mantenuti fil-pussess ta' l-istess art; talbu lill-Qorti li wara li tiddikjara li l-konvenut abbuzivament immoltestahom fil-pussess taghhom ta' l-art <u>de quo</u> meta bena l-hajt u beda jokkupa l-art, tikkundannah inehhi l-istess u jivvaka l-proprjeta` fi zmien qasir u fin-nuqqas tawtorizzahom sabiex jaghmlu l-istess xogholijiet a spejjez tieghu.

**<u>IN-NOTA TA' L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT PRO ET NOE</u>**

2. Il-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici ma setghux jigu akkolti peress illi l-allegat fatt ma kienx wiehed ta' semplici molestja fil-pussess imma ta' spoll. Inoltre zied li kien jinkombi fuq l-atturi li qabel xejn jippruvaw il-pussess taghhom fuq l-art, liema pussess huma qatt ma kellhom.

**<u>IS-SENTENZA TAL-QORTI TA' L-EWWEL GRAD</u>**

3. B'sentenza tas-7 ta' Jannar 2003, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza superjuri taghha, laqghet it-talbiet attrici u pprefeggiet terminu ta' xahar biex il-konvenut, Joseph Cauchi inehhi l-imsemmi hajt. Inoltre, hija kkundannat lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza hlief ghal dawk konnessi mal-konvenuta Nazzarena Cauchi, li kellhom jithallsu mill-atturi.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT PRO ET NOMINE</u>**

4. Il-konvenut, kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala rapprezentant ta' l-assenti Nazzarena Cauchi, hassu

aggravat b'din id-decizjoni u interpona appell fuq is-segwenti aggravji:-

a) L-ewwel Qorti naqset milli tippronunzja sentenza fil-konfront tal-konvenuta Nazzarena mart Nazzareno Cauchi, li la giet mehlusa u lanqas ikkundannata hlief fir-rigward ta' l-ispejjez u ghalhekk is-sentenza mhux integra.

b) Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti naqset milli taghti motivazzjoni ghad-decizjoni taghha dwar ic-cahda ta' l-ewwel eccezzjoni mqanqla minnu bi ksur ta' l-Artikolu 218 tal-Kap. 12 li jistipula tassattivament li fis-sentenzi ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet ta' l-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut.

c) L-ewwel Qorti ma kenitx gustifikata li tikkonkludi li l-kawza kienet wahda ta' manutenzjoni u mhux ta' spoll.

d) L-ewwel Qorti naqset milli tezamina l-elementi kostituttivi tal-pussess u naqset li tara jekk il-provi mressqa mill-atturi kenux jissodisfaw dawn l-elementi.

e) Kien hemm partijiet mis-sentenza appellata li juru li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat dwarhom, u s-sentenza tikkontjeni anke partijiet kontradditorji ghal xulxin.

Il-konvenut ghalhekk talab li s-sentenza appellata tigi dikjarata nulla u bla effett ghaliex ma tissodisfax il-vot ta' l-Artikolu 218 tal-Kap. 12, u fin-nuqqas li din tigi revokata billi jintlaqghu l-eccezzjonijiet tieghu u jigu respinti t-talbiet ta' l-atturi appellati, bl-ispejjez kontrihom.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-ATTURI APPELLATI</u>**

5.1 L-appellati wiegbu li kwantu ghall-aggravji li jirreferu ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti, il-Qorti ta' l-Appell normalment ma tiddisturbax tali apprezzament sakemm ma jkunx hemm xi haga fih li tkun manifestament skorretta jew ingusta.

5.2 Dwar l-ewwel aggravju jissottomettu li dan qatt ma seta' jservi bhala motivazzjoni ghal appell. Nazzarena Cauchi ssejhet biss fil-kawza ghall-fini ta' l-integrita` tal-gudizzju, billi hija komproprjetarja ta' l-art de quo flimkien maghhom. It-talbiet taghhom ghalhekk huma proprjament diretti kontra Joseph Cauchi. Il-konvenuta Nazzarena Cauchi ma kellha l-ebda interess li tilmenta min-nuqqas ta' decizjoni fil-konfront taghha billi ma giet ikkundannata xejn izda anzi giet mehlusa milli tbati l-ispejjez gudizzjarji.

5.3 Mill-bqija, l-ewwel Qorti debitament immotivat is-sentenza appellata, u dan ghamlitu b'mod legalment korrett.

Ghalhekk jissottomettu li s-sentenza appellata jisthoqqilha konferma, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6.1 Fil-kawza odjerna, l-atturi ahwa Formosa jallegaw li, flimkien ma' ohthom il-konvenuta assenti Nazzarena Cauchi, huma l-proprjetarji u kienu fil-pussess ta' bicca art fil-Qawra tad-Dwejra, tal-kejl ta' cirka siegh pari ghal mija u sebgha u tmenin metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' xatt il-bahar, mill-punent ma' beni ta' l-ahwa Camenzuli u mil-lvant ma' beni ta' l-eredi ta' Carmelo Cauchi, u li l-konvenut Joseph Cauchi abbuzivament bena hajt fil-faccata ta' din l-art.

6.2 Mill-atti tal-kawza jirrizulta li din l-art hija parti minn estensjoni akbar li giet akkwistata minghand il-"Venerando Altare del Santissimo Rosario" tal-Knisja ta' l-Gharb minn bosta persuni in solidum. Mill-att tal-10 ta' Novembru 1905 (fol. 53) jirrizulta li wiehed mill-persuni li akkwistaw parti minn din l-art kien certu Carmelo Cauchi "agricoltore, figlio di Luigi" li kien qed jidher "a nome proprio e di Nicola Formosa agricoltore" (fol. 54). L-art giet koncessa b'enfitewsi perpetwa u l-kanoni ta' l-estensjoni kollha kien ta' "scellini sei e pence cinque", (fol. 56) li gew ratizzati fl-istess kuntratt, b'dan li l-kwota tac-cens dovuta minn Carmelo Cauchi pro et noe kienet ta' "pence sette" (fol. 60). F'dan il-kuntratt l-art koncessa kienet deskritta bhala "tre porzioni di terra disgunte denominate 'il Kamra' poste

nei limiti di Casale San Lorenzo, dalla capacita` complessiva di mondelli undici, confinante la prima da Levante e Tramontana con beni del suddetto Altare del Santissimo Rosario, da Ponente con beni di Luigi Gauci, e da Mezzodi` con strada di proprieta` dello stesso altare – la seconda confina da Levante conla stessa strada suddetta, da Tramontana con la spiaggia 'tal-Kamra' e da Ponente e Mezzodi` con beni dello stesso Altare del Santissimo Rosario, da Ponente con la strada suddetta e da Tramontana con la detta spiaggia."

6.3 Sussegwentement dawn il-persuni kienu qasmu din l-art de facto u hadu qatgha kull wiehed. Carmelo Cauchi, li jigi n-nannu tal-konvenut Joseph Cauchi, fuq dan l-att kien deher ukoll ghal Nicola Formosa, in-nannu ta' l-atturi li kien ukoll missier il-mara ta' Cauchi, Marianna. Il-partijiet jaqblu li kien hemm ghalhekk zewg qatghet art, wahda li kellha mibnija fuqha kamra u art ohra kontigwa maghha li baqghet mhix mibnija. Dak li ma jaqblux fuqu huwa dwar lil min tappartjeni l-art mertu tal-kawza odjerna, jigifieri dik li baqghet mhix mibnija. L-atturi jsostnu li l-art de quo hija proprjeta` taghhom u kienet messet lil Nicola Formosa filwaqt li l-konvenut jinsisti li l-art li messet lil Formosa hija dik li fuqha hemm mibnija l-kamra, izda jghid ukoll illi maz-zmien il-kamra baqghet tigi wzata mill-familja tieghu u mhux mill-atturi.

7. Mhux kontestat illi fil-perjodu bejn Awissu u Settembru 1992, il-konvenut Joseph Cauchi bena hajt fil-faccata ta' din l-art li tinsab kontigwa mal-kamra u dan l-agir wassal ghall-kawza odjerna.

8. L-aggravji ta' l-appellant jinvestu kemm id-decizjoni tal-punti legali involuti fil-kawza odjerna u anke l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti biex din waslet ghall-konkluzjoni li l-atturi kienu fil-pussess ta' l-art de quo u ghalhekk setghu validament jistitwixxu l-azzjoni.

9.1 L-appellant pro et noe l-ewwelnett jissottometti li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti mhix integra ghaliex din naqset li tippronunzja sentenza fil-konfront tal-konvenuta

Nazzarena Cauchi li la giet mehlusa u lanqas ikkundannata, hlief fir-rigward ta’ l-ispejjez.

9.2 Jinghad mill-ewwel li dan l-aggravju mhux fondat u dan ghaliex il-Qorti hija marbuta li taghti decizjoni, wara li tqis it-talbiet dedotti fic-citazzjoni u l-eccezzjonijiet mqajjma fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata mill-konvenut. Dan l-ewwel Qorti tidher li ghamlitu. Hija ezaminat it-talbiet kontenuti fic-citazzjoni, liema talbiet, kif sewwa osservaw l-appellati, huma kollha diretti fil-konfront tal-konvenut Joseph Cauchi ghaliex skond l-atturi kien hu li mmolestahom. Infatti, fl-istess citazzjoni huma jippremettu mill-ewwel li Nazzarena Cauchi kienet wahda mill-proprjetarji ta’ l-art de quo u fl-ebda hin tul il-kawza ma qatt kien hemm dubju li din kienet involuta f’dak allegatament kommess mill-konvenut. Jidher ghalhekk li l-atturi kienu istitwew il-kawza kontra Nazzarena Cauchi merament ghall-integrita` tal-gudizzju u kien ghalhekk li l-Qorti ordnat, fil-parti disposittiva tas-sentenza, li din Cauchi ma kellhiex tigi kkundannata thallas spejjez u li tali spejjez jithallsu mill-atturi, u dan ghaliex kif jipprovdi l-Artikolu 219 tal-Kap. 12:-
“Kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deciziva jew obbligatorja, ghandha tigi mdahhla fid-dispositiv.”

B’hekk wiehed ma jistax jargumenta kif qed jallega l-appellant li l-gudizzju mhux integru semplicement ghaliex il-Qorti ta’ l-ewwel grad laqghet it-talbiet attrici u astjeniet milli tikkummenta dwar Nazzarena Cauchi.

Jigi rilevat inoltre illi l-Artikolu 235 tal-Kap. 12, citat mill-appellati, ossija li ma hemmx appell ab omissa decisione ma japplikax ghall-kaz odjern ghax dan l-artikolu jirreferi ghal dawk il-kazijiet meta l-Qorti, bi zvista, tkun naqset milli tippronunzja ruhha fuq xi wahda mit-talbiet, ossija wahda mid-domandi migjuba fic-citazzjoni u dan zgur li mhux il-kaz odjern, kif wara kollox spjegaw l-istess appellati fir-risposta ta’ l-appell taghhom.

10.1 L-appellant pro et noe jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti naqset milli timmotiva d-decizjoni taghha li biha cahdet l-

ewwel eccezzjoni mressqa minnu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 218 tal-Kap. 12 li jistipula li fis-sentenzi ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun fiha wkoll referenza ghall-procediment, ghat-talbiet ta' l-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut.

L-appellant jispjega li l-Qorti ta' l-ewwel grad wara li kkwotat erronjament il-Coen, asseriet lakonikament li "t-termini tac-citazzjoni attrici, f'dan il-kaz, ma jhallu lok ghall-ebda dubju li l-azzjoni minnhom intentata hija l-actio manutentionis" u kompliet tikkunsidra t-tieni eccezzjoni mqanqla minghajr lanqas biss ma ghamlet ebda referenza ghall-azzjoni ta' l-ispoll, l-elementi kostituttivi taghha u kif din l-azzjoni hija differenti mill-actio manutentionis. Jghid li dik il-Qorti ma tat ebda raguni ghala l-azzjoni attrici kellha titqies bhala wahda ta' manutentionis pjuttost minn wahda ta' spoll.

In sostenn ta' dan l-aggravju huwa jikkwota dak li qalu fuq is-suggett l-awturi Ricci u l-Mattirolo.

10.2 Jelabora li meta l-ewwel Qorti kkwotat il-Coen, ma kkwotatux kif kien kwotat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive De Flavia** tas-7 ta' Marzu 1958, u b'hekk biddlet sostanzjalment is-sens ta' dak li kien qed jghid l-awtur u l-Qorti f'dik id-decizjoni.

10.3 L-appellati ma jaqblux ma' dan – anzi jghidu li r-raba' u l-hames pagni tas-sentenza jikkonsistu interament f'kunsiderazzjonijiet dwar din l-ewwel eccezzjoni. Jissottomettu li wara li l-ewwel Qorti kwotat il-Coen u stqarret li hu mill-kontenut tac-citazzjoni illi wiehed ghandu jikkonkludi liema hija l-azzjoni intentata mill-attur, qalet li mit-termini tac-citazzjoni ma kien hemm ebda dubju li l-azzjoni intentata kienet wahda ta' manutenzjoni, u in segwitu elenkat l-elementi ta' din l-azzjoni u stqarret li dawn gew ippruvati. Fi kliemha stess hija trattat l-ewwel eccezzjoni "fil-kuntest tat-tieni eccezzjoni" u wara li ezaminat jekk jissussistux l-elementi ta' l-actio manutentionis kemm fic-citazzjoni u fil-fatti tal-kawza,

ddecidiet illi l-azzjoni intentata mill-atturi kienet dik ta' manutenzjoni taghhom fil-pussess jew kompussess ta' l-art de quo.

10.4 Illi indubbjament il-Qorti hija obbligata bil-provvediment tal-ligi msemmi mill-appellant pro et noe li fis-sentenza taghha taghti opinjoni motivata fejn ikun hemm talbiet specifici jew eccezzjonijiet ghalihom u huwa deziderabbli li s-sentenza tkun kompatibbli mar-regoli procedurali f'dan l-artikolu u fl-Artikolu 219 tal-Kap. 12. "Huwa dmir ta' kull tribunal li kemm jista' jkun jokkupa ruhu mill-kwistjonijiet kollha devoluti lilu fil-gudizzju mill-partijiet, u fejn hu possibbli jew hekk rikjest, jipprovdi b'mod intelliggibbli, anke jekk mhux necessarjament b'mod approfondit, l-elementi saljenti ta' fatt u ta' dritt li jkunu gew provati jew trattati mill-kontendenti. Dan ghar-raguni ovvja, u daqstant logika, biex il-partijiet ikollhom almenu s-sodisfazzjoni li jkunu jafu ghaliex it-talba, jew l-eccezzjoni, tkun giet milqugha jew michuda"[1] Dan hu necessarju wkoll ghaliex f'kaz li l-parti ma taqbilx mad-decizjoni tal-gudikant hija tkun tista' tappella minnha fit-termini tal-ligi.

10.5 Mill-banda l-ohra, gie ritenut illi m'huwiex mistenni li dan it-tribunal jindirizza kull lamentela li tkun tressqet quddiemu. Intqal li dan il-principju ilu stabbilit fil-gurisprudenza taghna miz-zmienijiet remoti u l-istess principju ftit li xejn ra kambjament f'dawn l-ahhar snin. Bizzejjed hawnhekk li din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Novembru 1963, fl-ismijiet **Sultuna utrinque** li hija rapportata fit-tieni volum tad-decizjonijiet ezattament a fol. 704, fejn inter alia jinghad "La circostanza che una sentenza non si trovi motivate tutte le congetture allegate dall'attore non importa motivo di nullita` della stessa, per la ragione, che la legge non richiede altro, se non le indicazioni dei motivi che abbiano determinato il gudizio della Corte, e non impone alcun dovere al giudice di rispondere a tutti gli argomenti dei contendenti."[2]

---

[1] **Anthony Scerri et v. Anthony Cutajar et** – Appell Superjuri deciz fis-16 ta' Marzu, 2005.

10.6 Meta giet biex tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, ossija li "l-allegat fatt mhux wiehed ta' semplici molestja fil-pussess imma ta' spoll u ghalhekk it-talbiet attrici, kif intavolati, ma jistghux jigu akkolti," l-ewwel Qorti semmiet id-decizjoni **Tabone v. Flavia sive De Flavia**, fis-sens li "n-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri." Inoltre, ziedet ticcita l-Coen fis-sens li biex wiehed jidentifika jekk din hix azzjoni ta' manutenzjoni jew ta' spoll "conviene esaminare la natura dei fatti esposti nella citazione." Huwa abbazi ta' dawn il-principji li l-Qorti ta' l-ewwel grad waslet ghad-decizjoni taghha li l-azzjoni intentata kienet wahda ta' manutenjzoni, u sussegwentement, regghet ikkonfermat dan wara li ezaminat ir-rekwiziti ta' l-azzjoni ta' manutenzjoni u qalet li l-molestja fil-pussess "si verifica sempre allorche` da un atto deriva una diminuzione del possesso o un'alterazione del modo d'esercitarlo." Spjegat illi kwalsiasi attentat ghall-ezercizzju normali tal-pussess akkompanjat bl-<u>animus turbandi</u> jikkostitwixxi dik il-molestja li qeghda a bazi ta' l-azzjoni prezenti u reghet ikkonfermat, anke wara ezami tat-tieni eccezzjoni mqajjma, illi din kienet azzjoni ta' manutenzjoni. Jidher ghalhekk li d-decizjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad tikkontjeni elementi sufficjenti dimostrattivi tar-ragonament li fuqu l-ewwel Qorti strahet u tikkontjenti fiha wkoll dak il-minimu essenzjali skond il-ligi. Dan apparti l-fatt jekk il-Qorti kellhiex ragun tiddeciedi li l-azzjoni esperita kienet wahda ta' manutenzjoni.

11.1 L-appellant jargumenta wkoll li l-ewwel Qorti ma kenitx gustifikata meta kkonkludiet illi l-azzjoni kienet wahda ta' manutenzjoni. Jelabora li l-Qorti meta kkwotat il-Coen ma kkwotatux kif kien kwotat fid-decizjoni **Tabone v. Flavia sive De Flavia** u b'hekk biddlet is-sens ta' dak li kien qed jghid l-awtur u l-Qorti f'dik id-decizjoni. Dan ghaliex il-Coen jghid li,
"Per conoscere se l'azione intentata sia di manutenzione o non piuttosto di reintegrazione in possesso, conviene

[2] **Victor Debrincat v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**, Appell Superjuri, 16 ta' Dicembru, 2003.

esaminare la natura dei fatti esposti nella citazione, e cio` che l'attore ha domandato."

Issa jekk wiehed isegwi dak li jghid il Coen, isib li c-citazzjoni ssemmi zewg fatti li huma atti ta' spoll – il-bini tal-hajt tal-proprjeta` allegatament posseduta mill-atturi u l-okkupazzjoni ta' l-art kollha mill-konvenut. Inoltre, it-talba dedotta fic-citazzjoni hija wahda ta' spoll – m'hemmx semplici turbattiva, imma negazzjoni tal-pussess mill-art kollha kemm hi, u hu ghalxejn li sussegwentement fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi jghidu li huma setghu jidhlu fl-art, ghaliex skond il-Coen dak li jghodd hu dak premess fic-citazzjoni. Finalment it-talba titlob ir-reintegrazzjoni tal-pussess billi l-atturi jitolbu l-Qorti "tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jnehhi l-hajt imsemmi u jivvaka l-art." Izid li l-atturi stess ammettew li kien gie kommess spoll fl-ittra mibghuta minnhom lill-konvenuti fit-2 ta' Settembru 1992 (fol. 123) u li skond l-Artikolu 693 tal-Kap. 12 kull ammissjoni ta' fatt sew bil-miktub kemm bil-fomm, maghmula fil-Qorti jew barra, tista' tittiehed bhala prova kontra l-parti li taghmilha.

11.2 Dwar din l-ittra l-appellati gustament jirrispondu li din ma ghandhiex rilevanza peress li hija a bazi tac-citazzjoni li l-Qorti ghandha tiddeciedi n-natura ta' l-azzjoni esperita u dan skond l-istess argument ta' l-appellant. Izidu li l-fatt li l-att ikun wiehed spoljattiv ma jeskludix l-applikabbilita` ta' l-azzjoni ta' manutenzjoni. F'dan ir-rigward jikkwotaw dak li jghid il-Profs. Caruana Galizia fin-noti tieghu meta jispjega li -

"A molestation of fact is not only any attempt against possession but also spoliation itself, and thus the word molestation is not to be taken in a restrictive sense but in a wide sense which is to include also spoliation, which is the greatest violation against possession…..

The purpose and effect of this action consist in keeping the possessor who has been molested in his possession, that is, in giving back to him that possession of which he has been deprived, or in bringing the molestation to an

end if the molested person is still in possession. This cessation can be obtained e.g. by means of the destruction of the works which have caused disturbance….”

Jelaboraw illi fic-citazzjoni taghhom huma qatt ma qalu li kienu qed jagixxu minhabba spoll – il-konvenut bena hajt fil-faccata u ghalkemm huma ma tilfux l-access ghal kollox gew molestati fil-pussess taghhom. Jelaboraw li meta l-ligi tirreferi ghall-molestja tal-pussess sofferta mill-attur fl-azzjoni ta’ manutenzjoni ma tirreferix ghal xi biza’ psikologika imposta fuq l-attur, izda tali molestja trid tirrizulta minn azzjoni partikolari tal-konvenut. Il-molestja tikkonsisti fi kwalunkwe att guridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja ghall-pussess ta’ haddiehor. B’hekk ma jistax jinghad li l-ewwel Qorti waslet ghal decizjoni zbaljata.

11.3 Huwa veru li l-Qorti ma rriproducietx kompletament il-kwotazzjoni tal-Coen kontenuta fis-sentenza fl-ismijiet **Tabone v. Flavia sive De Flavia** u dan ghaliex il-Coen ma semmiex biss li jrid isir ezami tan-natura tal-fatti esposti fic-citazzjoni izda wkoll ta’ “cio` che l’attore ha domandato”. L-appellant jinsisti infatti li t-talba ta’ l-atturi hija wahda ta’ reintegrazzjoni fil-pussess u li b’hekk l-azzjoni kif intentata ma tistax tirnexxi ghax l-atturi qed jistqarru li huma ma gewx purament iddisturbati fil-pussess taghhom izda sfaw spussessati ghal kollox mill-art. B’hekk jilmenta li jekk wiehed jifli sew ic-citazzjoni isib azzjoni ta’ spoll kammuffata bhala azzjoni ta’ manutenzjoni – haga insostenibbli ghaliex iz-zewg azzjonijiet ma jistghux jigu ezercitati flimkien. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu jzid jghid ukoll li l-awturi mhux kollha jaqblu li l-azzjoni ta’ manutenzjoni ghandha wkoll effikaccja restitutorja meta l-molestja tkun saret permezz ta’ opri konkreti u in sostenn jikkwota n-Novissimo Digesto u x’jghid il-Montel in propozitu.

Jissottometti ghalhekk l-appellant li anke jekk l-azzjoni tal-manteniment fil-pussess ghandha effett rekuperattiv, dan ifisser biss li l-Qorti tista’ tordna li jitnehha kull ostakolu li

jkun qieghed jikkawza t-turbattiva u mhux li wiehed jista' jirkupra xi pussess mitluf.

10.4 Din il-Qorti tirrileva li l-azzjoni ta' spoll (Art. 535 tal-Kap. 16) u dik ta' manutenzjoni (Art. 534) huma t-tnejn azzjonijiet possessorji u huma vicini ghal xulxin izda mhux f'kollox. Bizzejjed jinghad illi l-azzjoni ta' spoll trid tigi ezercitata fi zmien xahrejn minn meta gie kommess l-ispoll, waqt li l-azzjoni ta' manutenzjoni tikkoncedi terminu itwal biex wiehed jiehu passi, jigifieri terminu ta' sena.

Illi skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati –
"quella di manutenzione e` data per proteggere il possesso, <u>che possa essere turbato, o anche eventualmente violato o distrutto</u>, l'altra di reintegrazione viene fondata per punir la violenza o clandestinita` dello spoglio."[3]

L-azzjoni ta' manutenzjoni "ha per iscopo di evitare le molestie che sono arrecate a chi possiede come padrone … la dove la reintegrazione e` diretta ad ottenere la restituzione della cosa toltaci violentemente ed occultamente quando anche ne fossimo detentori."[4]

Dan gie wkoll spjegat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Domenica Mamo et v. Antonio Galea et** (deciza 18 ta' Frar 2004) fejn intqal li–
"Azzjoni bhal din timmira biex tassigura l-godiment pacifiku tal-pussess u biex tinibixxi att li jittraduci ruhu f'ostakolu ghall-izvolgiment ta' l-ezercizzju tad-dritt sostantiv tal-pussess. Il-finalita` taghha hi dik allura ta' funzjoni konservattiva tal-pussess u c-cessazzjoni tal-molestja.

Dan jiddiferenzjaha markatament mill-azzjoni ta' spoll ghaliex filwaqt li l-azzjoni ta' manutenzjoni hija mirata sabiex tipprotegi l-pussess li jista' jigi turbat jew anke

[3] **Azzopardi Michele v. Farrugia Giuseppe** – Appell Inferjuri – deciz 21 ta' Novembru 1930 (Vol XLII-I-622)
[4] **Pace Giuseppe v. Bugeja Giuseppe R.PA** – deciza 1 ta' Ottubru 1935 (Vol XXIXH-II-611).

eventwalment vjolat jew imxejjen, l-azzjoni ta' spoll hija mirata lejn il-vjolenza jew il-klandestinita` ta' l-ispoll."

L-azzjoni ta' manutenzjoni mhux intiza "biex tistabilixxi drittijiet reali izda biex tittutela manutenzjoni tal-pussess."[5]. Ghalhekk biex tali azzjoni tkun possibbli jrid ikun hemm xi tip ta' molestja ta' fatt jew ta' ligi. Inoltre, gie ritenut mill-Prim Awla fil-kawza fl-ismijiet **Cauchi v. Vella**[6] li –
"Agli effetti della esperibilta` dell'azione di manutenzione, costituisce molestia qualunque fatto producente variazione nello stato di un immobile per modo che ne sia impedito o reso meno agevole il godimento, o ne deriva ostacolo a proseguire nel possesso secondo il modo usato anteriormente."

Jirrizulta ghalhekk illi l-kelma molestja ma ghandhiex tigi moghtija tifsira ristrettiva izda ghandha wkoll tinkludi l-att spoljattiv li kif jghid il-Profs Caruana Galizia "is the greatest violation against possession."

11.5 Ghandu jinghad inoltre li meta din il-molestja tkun ikkawzata b'xoghol ta' kostruzzjoni gdida, huwa naturali li jekk l-azzjoni ta' manutenzjoni ghandha tkun ta' rimedju ghall-attur, il-Qorti ghandu jkollha l-possibilita` li tordna d-demolizzjoni ta' dan ix-xoghol ghaliex inkella tali molestja tibqa' tissussisti bi pregudizzju ghall-attur li jkollu jistenna bosta snin bla rimedju. Kif sewwa jispjegga r-Ricci[7] meta jikkwota s-sentenza tal-Qorti ta' Kassazzioni ta' Napli, fil-kaz li l-att turbattiv huwa ta' natura permanenti, il-Qorti ghandha tipprovdi ghad-distruzzjoni ta' l-istess ghaliex–
"che se si confondessero` insieme i fatti dell'uomo che non lasciano alcuna traccia con quelli che consistono in un'opera materiale e permanente, e se per gli uni che per gli altri fosse bastevole una forma generica, i giudizi perderebbero tutta la loro serieta` ed importanza, e le parti litiganti sarebbero` obbligate a rinnovarli insino a

[5] **M Calleja v. E Cassar et** – Appell Civili deciz 7 ta' Novembru 1994
[6] deciza 16 ta' Marzu 1935
[7] Corso Teoritico Pratico di Diritto Civile – Vol V – para 96.

tanto che le loro domande non si avessero` una precisa risposta. Egli e` facile a dire a chi vuol passare per fondo altrui, o andare ad attingere acqua nel pozzo del vicino; d'ora innanzi astenervi dal molestare l'attore, e di esercitare un atto arbitrio e ingusto; ma il dire la medesima cosa a chi ha usurpato la roba altrui, ha occupato un suolo su cui non aveva diritto, o ha volto in uso esclusivo quello che possiede con altri, significa godetevi tranquillamente cio` che non vi spetta, ed avete usurpato perche` la legge non ha forza di punir il vostro fatto colposo."

11.6 Finalment huwa korrett dak li gie sottomess mill-appellant u anke mill-Qorti ta' l-ewwel grad li l-gudikant jiddeciedi t-tip ta' azzjoni esperita mill-kumpless tat-termini tac-citazzjoni u mit-talbiet attrici. Gie ritenut mill-Prim Awla li "ghandha tkun ritenuta ta' manutenzjoni meta t-termini tac-citazzjoni huma tali li juri illi l-bazi taghha hija pjuttost l-indoli tal-pussess legittimu milli r-ripressjoni tal-fatt klandestin ossija vjolenti."[8] Inghad li "Argument iehor favur l-indoli ta' l-azzjoni tal-manutenzjoni huwa kostitwit mit-termini tad-dikjarazzjoni … li takkumpanja c-citazzjoni. F'din id-dikjarazzjoni l-atturi jindika talment il-pussess legittimu tieghu, bhala l-bazi ta' l-azzjoni proposta …. In-nota predominanti fl-istess kwindi mhix il-klandestinita` ossija l-vjolenza, ta' l-attijiet tal-konvenut, imma pjuttost il-lezjoni tad-drittijiet ta' kompossess ta' l-attur permezz ta' l-attijiet kuntrarji ghal dak il-kompossess." F'dik id-decizjoni ntqal ukoll li – "E` di manutenzione l'azione allorche' l'attore invocando il suo possesso, domanda che sia ordinato il convenuto di rimettere le cose nel pristino stato e di sospendere frattanto i lavori intrapresi."

11.7 Applikati dawn il-principji ghac-citazzjoni pprezentata mill-atturi jirrizulta li l-azzjoni esperita minnhom hija dik ta' manutenzjoni. L-azzjoni taghhom hija bazata principalment fuq il-pussess taghhom ta' l-art de quo u jippremettu li huma jridu jigu *mantenuti* fil-pussess taghha. Wiehed ma jistax jghid li d-dicitura

[8] **Pace G v. Bugeja G** deciza fl-1 ta' Ottubru, 1935

adoperata fil-premessi, kif ukoll fit-talbiet, ma kenitx tirrendi l-istess azzjoni sufficjentement cara dwar jekk kenitx kawza ta' spoll jew ta' manutenzjoni u li ghalhekk il-konvenut tqieghed f'posizzjoni difficli biex jirribatti l-azzjoni attrici mill-punto di vista legali. Infatti fl-ewwel talba taghhom l-atturi jitolbu lill-Qorti li tiddikjara li l-konvenut *immolesta* lill-atturi fil-pussess ta' l-art fuq imsemmija meta bena l-hajt fil-faccata taghha u beda jokkupaha, imbaghad talbu rimedju lill-Qorti – dak li din tordna li titnehha tali molestja u li tordna li jieqaf jokkupa din l-art li huma jallegaw li tappartjeni lilhom u li jippossjedu. L-aggravju ghalhekk huwa infondat.

12.1 L-appellant noe imbaghad jghaddi biex jikkritika d-decizjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad fuq it-tieni eccezzjoni mqajjma minnu. Jissottometti li dik il-Qorti naqset li tezamina l-elementi kostituttivi tal-pussess u tara jekk il-fatti mressqa mill-atturi jissodisfawx dawn l-elementi b'tali mod li hu gustifikat li din il-qorti ta' revizjoni tiddisturba l-ezercizzju tad-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmul minn dik il-Qorti, iktar u iktar meta l-gudikant li ddecieda l-kawza ma kienx dak li sema' l-provi prodotti mill-partijiet kontendenti. Izid jghid li anke hawnhekk il-Qorti ma tatx decizjoni motivata ghaliex strahet hafna fuq il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-atturi u injorat il-provi u d-dokumentazzjoni mressqa mill-konvenut.

Jirrileva li ghalkemm il-Qorti ddikjarat illi l-prova tal-pussess <u>uti possidetis</u> tispetta fuq min ikun istitwixxa l-azzjoni naqset milli turi kif l-atturi ssodisfawha li kellhom il-pussess inekwivoku, kontinwu u pacifiku ta' l-art <u>de quo</u>. Dik il-Qorti injorat ghal kollox il-provi migjuba li kienu ta' Cauchi li kellhom il-pussess ta' l-art li kienet tappartjeni lilhom u li kienu juzawha regolarment flimkien mal-kamra adjacenti ghaliha anke billi kienu jzommu dghajsa hemm, u li dejjem hallsu c-cens dovut sakemm fdewh. Dan jinnega l-univocita` tal-pussess allegat mill-atturi. Inoltre, l-atturi ma ppruvawx li huma s-sidien ta' l-art, fatt li hu rilevanti ghaliex min jakkwista art validament huwa prezunt li kompla fil-pussess taghha sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, u lanqas li impadrunaw ruhhom fizikament minnha. Jghid illi l-atturi kien ilhom zmien twil

ma jinzlu u juzaw l-art meta jmorru jghumu, u li dawn mhumiex atti univoci ta’ padronanza ghaliex kull min imur jghum hemm jaghmel l-istess. Finalment il-fatt li Edmond Formosa hallas disa’ snin cens f’att wiehed juri proprju li ma kenitx qed tigi ezercitata padrunanza fuq l-art kontinwament u diligentement kif jaghmel min hu fil-pussess. Inoltre tali att ma kienx pacifiku ghaliex il-familja Cauchi kienu jhallsu c-cens kull sena anke rigward ta’ dawn id-disa’ snin imhallsa f’daqqa minn Formosa.

12.2 Skond l-appellati dan l-aggravju huwa bla bazi ghaliex l-ewwel Qorti analizzat fit-tul l-ilment tal-pussess rikjest ghas-success ta’ din il-kawza u korrettement osservat illi din l-azzjoni hija possibbli wkoll fil-kaz ta’ komproprjetarju jew kompossessur ta’ haga komuni. Il-Qorti spjegat li l-pussess rikjest kien dak animo domino, ta’ liema xorta jkun basta mhux pussess li l-attur ha minghand il-konvenut bi vjolenza, bil-mohbi jew ma jkunx kisbu minghandu b’mod prekarju. Izidu li huma dejjem ppossedew din l-art li kienet propjreta` taghhom u anke jekk forsi l-genituri taghhom kienu jiffrekwentawha izjed ta’ spiss, huma qatt ma riedu jitilqu l-pussess taghha, baqghu jaghmlu uzu sporadiku minnha u ma ppermettew lil hadd juzaha. Ghalhekk hassitha sodisfatta li l-element tal-pussess kien gie ppruvat mill-atturi.

12.3 Illi skond l-ewwel Qorti l-pussess li huwa l-qofol u l-bazi ta’ l-azzjoni huwa dak definit mill-Artikolu 524(1) tal-Kodici Civili cioe` “d-detenzjoni tal-haga animo domini”, li “l-ligi tfisser ‘ta’ liema xorta jkun’ basta li ma jkunx pussess li l-attur ikun ha b’idejh minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew li ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b’titolu prekarju.” Imbaghad elaborat oltre li “anke jekk il-pussess turbat mill-konvenut kien komuni mieghu, dak il-pussess huwa l-istess manutibbli, ghax mhux mehtieg li l-pussess ikun esklussiv biex ikun protett bl-azzjoni ta’ manutenzjoni.”

12.4 Din il-Qorti tosserva li l-principji legali fuq elenkati huma korretti. Di fatti, skond l-Artikolu 534 tal-Kodici Civili, din l-azzjoni tista’ tigi ezercitata minn “kull min waqt li jinsab fil-pussess ta’ liema xorta jkun ta’ haga mmobbli,

jew ta' universitalita` ta' hwejjeg immobbli jigi molestat f'dak il-pussess". Skond l-interpretazzjoni moghtija mill-Qrati taghna dan ifisser,
"pussess skond id-definizzjoni moghtija mil-legislatur fl-Artikolu 561 tal-Kodici Civili (illum Artikolu 524) jigifieri d-detenzjoni tal-haga animo domini."[9]

Huwa proprju dan l-animus tal-pussessur li jiddistingwi d-detenzjoni mill-pussess. Sabiex ikun hemm pussess tutelabbli ai termini ta' l-Artikolu 534 irid ikun hemm pussess animo domini u mhux mera detenzjoni li hija bizzejjed fil-kaz ta' l-azzjoni ta' l-ispoll. Il-Qrati izda elaboraw illi din l-azzjoni tista' tigi esperita mill-pussessur "anke jekk il-pussess ikun illegittimu jew in malafede, basta li jkun veru pussess, jigifieri, godiment animo domini…"[10]

In-natura tal-pussess ma ghandux bzonn ikun legittimu, jew b'titolu jew in bona fede – dan ir-rekwizit tal-legittimita` hu biss rikjest taht id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili Taljan tal-1865 li kien jitkellem fuq pussess "da un anno nel possesso legittimo di un immobile" u li fl-Artikolu 1170 tal-Kodici Civili jipprovdi li "l'azione e` data se il possesso dura da oltre un anno, continuo ed interrotto, e non e` stato acquisito violentemente o clandestinamente".

Fil-ligi taghna mhux rikjest li l-pussess ikun kontinwu, pacifiku, pubbliku u ininterrott (u dan anke jekk gie deciz hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Grixti v. Schembri** PA 31.1.1948 u fis-sentenza **Mamo et v. Galea et** deciza mill-Prim Awla fit-18 ta' Frar 2004). Infatti, Sir Adrian Dingli fl-appunti tieghu jispjega li –
"Ho soppresso la parola 'legittimo' che si trova in Italiano e che si riferisce all'articolo 686 che definisce il possesso legittimo e che io non ho adottato….Del resto nel Diritto romano l'uti possidetis si dava anche all'possessore."

[9] **Luigi Galea v. Giuseppe Galea** – PA 16 ta' Dicembru, 1955.
[10] **Calleja v. Cassar et** – Appell Civil deciz fis-7 ta' Novembru, 1994.

Illi l-ligi twiddeb li tali pussess la jrid ikun inkiseb bi vjolenza jew bil-mohbi u lanqas irid ikun dak it-tip tal-pussess imsejjah prekarju. Tali pussess kien isehh ukoll jekk haddiehor ikun fil-pussess bhala kompossessur.

12.5 Min jipproponi azzjoni possessorja ta' manutenzjoni huwa fid-dmir li jipprova li l-parti l-ohra arrekat molestja fil-'pussess' tieghu u dan skond il-principju generali li incumbit probatio ei qui dicit non ei qui negat ghaliex actore non probante reus absolvitur. B'hekk l-atturi huma obbligati li jipprovaw illi huma kellhom il-pussess ta' l-art de quo bil-provi prodotti minnhom fil-kawza u li l-konvenut arrekalhom molestja fil-pussess taghhom.

12.6 Gie, izda, ritenut mill-Qrati taghna li ghall-konservazzjoni tal-pussess ta' haga mmobbli huwa bizzejjed l-animus, jigifieri l-intenzjoni fil-possessur – animo retinetur possessio. Dan ifissier illi jekk jigi ppruvat illi l-attur kien jezercita l-pussess precedentment mhux necessarju li jipprova li ghad ghandu l-pussess materjali tal-proprjeta`, izda huwa bizzejjed jekk jipprova l-intenzjoni li jirritjeni dan il-pussess li kien jezercita qabel. Dan gie spjegat fid-decizjoni **Cachia Zammit v. Barbara**[11] fejn il-Qorti f'dan ir-rigward kwotat lil Baudry li qal "il possesso, una volta acquisito, si conserva benche` il possessore non abbia fatto atti di possesso, se del resto aveva la possibilita` di farli … il possesso legale d'un immobile, una volta acquistato, si conserva colla sola intenzione del possesso per tutto il tempo nel quale non ha subito interruzione proveniente da un terzo o finche` non sia stato volontariamente abbandonato."

L-istess awtur ikompli jiccita l-Pothier u jghid li "per conservare il possesso non e` necessario avere una volonta` positiva di riternerlo, basta che la volonta` di possedere non sia stata revocata da una volonta` contraria; perche` non e` stata revocata da una volonta` contraria, si considera sempre che si perseveri." Il-Qorti ziedet "u b'ebda prova ma ngiebet illi l-konvenut, fl-intervall bejn is-sena 1925, meta nfethet il-kawza, u s-

[11] PA – deciza 27 ta' Novembru, 1959.

sena 1954 meta saret il-kostruzzjoni ‘de quo’, gie privat mill-pussess tar-rokna li kien fadal minnha, jew li huwa kien abbanduna dak il-pussess fuqha; u ghalhekk baqghet issehh favur tieghu il-presunzjoni kontemplata fl-Artikoli 565 tal-Kodici Civili, b’mod li, kif osservat il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Cassar v. Mamo Trevisan**, deciza fl-4 ta’ Dicembru 1879, fuq l-awtorita` ta’ Troplong ‘il possesso originario una volta fissato, si perpetua indefinittivamente, sino a tanto che non e` esposto a atti indubitati ed importanti una rinunzia dello stesso possesso’ (Kollezz, Vol. VIII pg. 901). Konsegwenement, il-pussess tal-konvenut fuq il-parti rimanenti mill-kamra baqa’ fih, u ma ntilifx, nonostante l-pretiza inerzja tieghu (v. Digesto Italiano – Possesso n. 426)”.

13.1 Jibqa’ ghalhekk li wiehed jezamina l-pussess ta’ l-atturi fuq l-art de quo mill-provi skarni prodotti u d-dokumentazzjoni esebita mill-partijiet kontendenti.

13.2 Kif diga` ntqal qabel, ma hemmx dubju li l-antenati tal-partijiet jigifieri Carmelo Cauchi u Nicola Formosa, bil-kuntratt tal-10 ta’ Novembru 1905, kienu akkwistaw, bicctejn art b’cens perpetwu, parti minn porzjon art akbar li giet akkwistata bl-istess att, flimkien ma’ diversi persuni ohra minghand il-Venerando Altare del Santissimo Rosario tal-Knisja ta’ l-Gharb. Mill-Att jirrizulta li Carmelo Cauchi kien deher ukoll ghan-nom ta’ Nicola Formosa, u dan gie anke konfermat mix-xiehda tal-Kanonku Dun Mikiel Cauchi (fol. 45). Il-partijiet jaqblu li kien sar xi qsim izda ma jaqblux dwar min ha l-art de quo u min ha l-art kontigwa li fuq parti minnha hemm il-kamra mgharufa bhala ‘Ta’ Dun Pawl’. Fis-seduta tal-25 ta’ Marzu 1999, Dun Mikiel Cauchi jghid li ma rrizultalux liema “plot” tappartjeni lil ta’ Formosa u liema hija ta’ Cauchi, ghalkemm dejjem ikkonferma li z-zewg porzjonijiet akkwistati minn Carmelo Cauchi ma kenux it-tnejn ghalih.

L-atturi jallegaw li l-art de quo kien hadha nannuhom Nicola Formosa u li wara li dan miet din l-art kienet messet lil missierhom Toni Formosa. In fatti, Pawlu Formosa anzjan ta’ 74 sena, xehed li meta kien zghir kien nizel ma’ missieru u sehhet divizjoni de facto bejn

missieru u bejn hutu u din l-art messet lil missieru, izda ma jidher li hemm xejn bil-miktub dwar dan u ma kienx jaf lanqas il-provenjenza (fol. 126).

Jigi rilevat ukoll illi l-atturi, biex juru li din l-art kienet giet maqsuma u kienet tappartjeni lil missierhom, ipprezentaw man-nota ta' sottomissjonijiet taghhom kopja tad-denunzja tal-mewt ta' Antonio Formosa (Dok. A a fol. 167) fejn fost l-assi tieghu hemm deskritta art – "Tad-Deuria circa ta' nofs siegh, cens perpetwu jhallsu ₤2 1/2 fis-sena. Limiti ta' San Lawrenz contrada tal-Katusa, Punent eredi ta' Toni Camenzuli, nofsinhar eredi ta' Karmnu Cauchi, lvant Triq". L-appellat pero` jirrileva illi d-deskrizzjoni hawnhekk ma taqbilx ma' dik kontenuta fic-citazzjoni fejn il-qies huwa ta' siegh u mhux ta' nofs siegh u l-art hija deskritta 'li tmiss mit-tramuntana ma' xatt il-bahar, Punent ma' beni ta' l-ahwa Camenzuli, u mil-Lvant ma' beni ta' Carmelo Cauchi".

Joseph Formosa jixhed li missieru kien ihallas ic-cens lil Karmenu Cauchi (fol. 38) u li, wara li dan Cauchi miet, missieru beda jhallas ic-cens direttament lill-Knisja. Imbaghad wara li missierhom miet, kien huh il-kbir li beda jiehu hsieb l-art u hallas disa' snin cens u anke feda l-istess cens mal-Knisja (fol. 38).

13. Pawlu Formosa xehed li hu ta' spiss kien jinzel go dan il-"plot" ma' missieru u li huma fil-kamra ma kenux jidhlu (fol. 126). Dan isostni wkoll li fil-"plot" de quo huwa qatt ma ra xi dghajsa (fol. 127). Jirrakkonta li jiftakar li l-"plot" magenb taghhom, fejn kien hemm il-kamra, kienet f'idejn Karmenu Cauchi u li wara li miet missieru hu kien inizzel lill-ommu bil-hmara biex jghumu d-Dwejra u jhalli l-hmara gol-"plot", ghalkemm sussegwentement jikkoregi ruhu billi jghid li ommu mietet qabel ma' miet missieru. Jghid, izda, li hadd ma kien jghidlu xejn (fol. 34 – 35). Jispjega wkoll li ta Cauchi "qatt ma semmewlhom li l-'plot' liema qeghin nokkupaw ahna kienet taghhom (fol. 35)" Sussegwentement jghid li wara, meta mietet ommu, kien jinzel bit-truck tieghu d-Dwejra u jhallih fil-'plot' sakemm jghum.

13. Huh, Patrick Formosa, wkoll xehed li hu dejjem jaf din l-art bhala taghhom u dejjem jafha f'idejhom. Jghid li missieru kien ihallas ic-cens taghha u li hu gieli kien ghand Karmenu Cauchi li kien jghid li kien jigbor ic-cens ta' missieru. Izid li ohtu, Nazzarena Cauchi, iz-zija tal-konvenut, kienet anke insistiet ma' missierha li jbeghlha din il-bicca art (fol. 30). Jghid li l-art ma kenitx tinhadem izda meta "kont ninzel hemm kont anke nuri lill-uliedi fejn tinsab din l-art taghna u nghidilhom li din tal-familja taghna" (fol. 30). Jinsisti li "ma nafx li xi hadd qatt ippretenda xi drittijiet fuq din l-art….U li Karmenu Cauchi, in-nannu tal-konvenut…naf li dana kien jghid illi huwa ghandu bicca art tmiss ma' taghna u li dik in kwistjoni, li hemm il-kawza fuqha, jirrikonoxxi illi hija taghna." (fol. 31).

Dan kollu pero` huwa kontradett mix-xiehda taz-zijiet tal-konvenut. Joseph Debrincat, fl-affidavit tieghu (Dok JC a fol. 90) jixhed li din il-bicca art kien hadha b'cens perpetwu Carmelo Cauchi, missier martu. Jghid li missier il-konvenut kien qallu li dakinhar Cauchi kien ha zewg qatghat u li Nicola Formosa kien ha l-'plot' li fuqu kemm il-kamra. Xehed ukoll li Marianna Cauchi, omm martu, kienet wahda mit-tfal ta' Nicola Formosa u li b'hekk huma kienu juzaw anke l-kamra li kienet ta' Formosa. In fatti din il-kamra kien uzaha ghal bosta snin hu Marianna, Dun Pawl. Joseph Debrincat iddeskriva l-art bhala qatgha li ma tinhadimx u li kienet isservi ta' passagg ghall-pubbliku li kien isibha komda biex jghaddi minn hemm biex jaccedi ghall-bahar. Skond dan ix-xhud, missier martu, kellu fregatina u gieli qeghdha f'din l-art. Isostni li l-atturi qatt ma okkupaw din l-art (fol. 91) u li ghalkemm hu ilu midhla ta' hemm bosta snin qatt ma ra lill-atturi nezlin lejn id-Dwejra. Spjega wkoll li xi snin qabel xi hadd ried li jigu stabbiliti definittivament il-qsami ta' bejn id-diversi "plots" u li kien ha l-inkarigu certu wiehed jghidulu 'l-perit' u jghid li kien gie avvicinat hu kemm fir-rigward ta' l-art de quo u anke dwar il-kamra (fol. 92). Jikkonferma wkoll li c-cens dejjem thallas regolarment u li wara li marad missier il-konvenut, kompla jhallas ic-cens taz-zewg qatghat hu sakemm fdieh b'att pubbliku. Din ix-xiehda hija konfermata minn dik ta' martu Emilia Debrincat.

13.5 Gew prodotti mbaghad zewg xhieda indipendenti mill-partijiet kontendenti. Il-konvenut ipproduca lil certu John Cassar li wkoll ghandu kamra d-Dwejra (fol. 95 et seq) li ghalkemm jikkonferma li xi ghaxar snin qabel kienu nqasmu l-porzjonijiet qal li fejn il-kamra tal-konvenut hemm speci ta' ghalqa jew bicca mhix mibnija li safejn jaf hu ma nqassmitx – "jidhirli li ahna qsamna mill-proprjeta` tal-konvenut, dik ta' Guze` Debrincat, san-naha tieghi" (fol. 96). Dan ix-xhud qal li ghalkemm hu ilu jiffrekwenta l-inhawi hamsa u sebghin sena qatt ma ra lill-attur fl-inhawi u li l-bicca art magenb il-kamra tal-konvenut "hija art zdingata. Jghaddu minnha n-nies…jien ma nafx ta' min hi u qatt ma rajt lil xi hadd illi ppretenda xi pussess taghha." (fol. 97).

L-atturi pproducew lil Michael Caruana li wkoll jghid li hu midhla taz-zona. Dan jispjega li din l-art qeghda magenb il-bahar u ma kenitx tinhadem u tintuza minn kulhadd, "Kienet isservi ta' passagg u ghal xi uzu iehor li dak li jkun jidhrilu." (fol. 111). Dan izid li l-"plot" kien proprjeta` ta' missier l-atturi u li bejn l-1947 u l-1948 kien se jbieghulu, izda mbaghad ma kien sar xejn. Ix-xhud jghid li hdejn l-art hemm kamra li fiha jara l-familja tal-konvenut Cauchi, u fil-passat kien ikun hemm dghajsa fil-kamra, izda dghajsa qatt ma ra fil-"plot". Issa qed tintuza mill-konvenut ghall-villeggatura. Jelabora li hu ghandu kamra tieghu hdejn din il-kamra u l-kamra waqghet bil-maltemp u missier il-konvenut u nannuh kienu bnewha fl-1974. Qal ukoll li Wenzu Mercieca, ir-ragel ta' wahda mill-atturi, illum mejjet, kien jipparkegga l-landrover tieghu f'dan il-"plot" izda minn mindu miet Mercieca ma rax lill-atturi aktar. Jikkonkludi li "Naf illi bhalissa jista' jkun illi juzawha ghax kulhadd ghandu access ghaliha," (fol. 112-113).

13.6 Fattur importanti li jidher li wassal lill-ewwel Qorti biex tikkonkludi favur il-pussess ta' l-atturi kien il-fidi tac-cens li Edmond Formosa ghamel f'isem hutu ghaliex skond dik il-Qorti dan kien juri l-intenzjoni ta' l-atturi li jkomplu jidditjenu l-art, li fl-opinjoni tal-Qorti kienet fil-pussess precedenti ta' l-atturi.

Dwar dan xehed il-Kanonku Dun Mikiel Cauchi (fol. 46 et seq). Dan spjega li minn ricerki li ghamel fl-ufficju parrokjali sab li l-prokuratur ta' qablu, Dun Salv. Camilleri, ghall-habta tas-snin sebghin kien ha hsieb li jinfdew ic-cnus kollha gravanti f'din l-art. Dun Salv kien qallu li peress li kien hemm hafna zmien fejn ic-cens ma kienx qed jingabar, qabbad lil xi hadd biex idur in-nies u hallsu c-cens ta' l-imghoddi (fol. 135). Jghid li ma' dan il-fidi sab dak ta' Edmond Formosa f'isem l-ahwa Formosa u in fatti jikkonferma d-dokument a fol. 52 iffirmat minn Dun Salv. Camilleri datat 2 ta' Jannar 1970, fejn sar dan il-fidi fil-Kurja jew l-Ufficju Parrokjali skond il-procedura ta' dak iz-zmien.

Ghalkemm dan ix-xhud jikkonferma li, qabel ma kien sar dan il-fidi fl-1970, Formosa kien hallas ic-cens fuq din l-art regolarment (fol. 47 seduta 10 ta' Novembru, 1995), fis-seduta tal-25 ta' Marzu 1999, jixhed li Formosa kien hallas disa' snin cens u anke feda cens ta' "plot" wahda fil-15 ta' Awissu 1968, dik ta' nannuh Nicola Formosa, **izda jammetti li lilu ma rrizultalux liema "plot" hija ta' Formosa u liema hija ta' Cauchi**. Jghid ukoll li mir-registri tal-parrocca jirrizulta li Guzepp Debrincat baqa' jhallas ic-cens ta' zewg porzjonijiet, meta jirrizulta li kellu dritt ihallas ta' porzjon wahda biss. Ir-"records" tieghu dwar Guzepp Debrincat jaslu sal-1982 u ma jirrizultalux li dan ic-cens gie mifdi (fol. 136).

F'dan ir-rigward xehed ukoll certu Emanuel Cauchi li kien gie mqabbad minn Dun Salv. Camilleri biex ikellem lin-nies li kellhom l-artijiet fl-inhawi u gabar il-flus biex jigu mifdija c-cnus. Dan jghid li fuq informazzjoni li tah l-istess Dun Salv hu kien kellem lil Edmond Formosa li kellu wahda minn dawn l-artijiet f'idejh. (fol. 49-50)

14. Minn ezami tal-provi hawn prodotti ma jidhirx li l-atturi rnexxielhom jippruvaw sufficjentement illi huma kienu qatt ipposjedew l-art <u>de quo animo domini</u> kif trid il-ligi. Ma jidhirx lanqas li huma kienu jezercitaw xi atti ta' padronanza fuq din l-art, u jekk kienu jinzlu fiha huma kienu jaghmlu dak li kien jaghmel haddiehor f'din l-art li kienet miftuha ghal kulhadd, jigifieri jpoggu l-hmara jew

jipparkjeggaw it-trakk sakemm imorru jghumu fil-bajja tad-Dwejra. Ix-xhud Michael Caruana stess xehed li din l-art kienet tintuza minn kulhadd u li kienet isservi ta' passagg u ghal xi uzu iehor li jidhirlu dak li jkun. Huwa veru li fl-1968 Edmond Formosa, wara li gie avvicinat biex jaghmel dan, kien hallas disa' snin cens u anke feda l-istess cens ta' porzjon art mill-art ikbar li kienet giet koncessa fl-1905, izda rrizulta mid-deposizzjoni tal-Kanonku Dun M. Cauchi stess li hu ma setax jghid liema bicca art kienet tappartjeni lil min, u in fatti l-familja tal-konvenut, ghalkemm ma kellhomx dritt jaghmlu dan, kienu baqghu jhallsu c-cens taz-zewg porzjonijiet.

Ladarba ghalhekk l-atturi ma ppruvawx il-pussess ta' l-art in kwistjoni, fil-grad rikjest mil-ligi, lanqas ma hija guridikament koncepibbli l-molestja pretiza allegatament maghmula mill-konvenut ghal tali pussess u b'hekk l-azzjoni ma tistax tirnexxi u t-talbiet attrici ma ghandhomx jintlaqghu.

Lanqas hemm ghalfejn tigi trattata l-lanjanza l-ohra ta' l-appellant, ossija li l-Qorti kienet zbaljata meta ppremettiet li kien hemm komproprjeta` pro indiviso bejn il-kontendenti u li hija kkontradiciet lilha nnfisha meta qabel qalet li l-kawza kienet titratta dwar lil min tappartjeni l-kamra li hemm hdejn il-proprjeta`.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell tal-konvenut proprio et nomine kif fuq inghad, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata kif moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili fis-7 ta' Jannar 2003 fil-kawza fl-ismijiet premessi b'mod li t-talbiet attrici qed jigu respinti; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------